TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 710

KAZ NRU. 869

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Rose Vella

u

Holiday Inn Crowne Plaza

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 22 ta' April 1996

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 15 ta' Settembru 1994 b'referenza ME/2/94 II/49 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tlett seduti.

Rose Vella, aktar il-quddiem tissejjah l"-appellant", kienet assistita mis-Sur Joe Grima, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers Union, u Holiday Inn Crowne Plaza, aktar il-quddiem tissejjah il-"Lukanda", kienet assistita mill-Avukat Hugh Peralta LL.D.

L-impieg ta l-appellant kien gie terminat ghal ragunijiet

medici u specifikament ghaliex Bord Mediku kien ta' l-opinjoni li kienet permanentement inkapaci li taghmel ix-xoghol kollu rikjest minn "waitress". Il-Kumpanija ssostni li t-terminazzjoni saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

L-appellant tikkontendi li t-tkeccija kienet ngusta ghaliex :

a) f'Novembru 1993 u f'Jannar 1994 il-Bord Mediku iddikjara l-appellant tajba ghax-xoghol imbaghad wara hames xhur l-istess Bord iddecieda li ftit hemm tama li tigi ghall-ahjar ;

b) il-Personnel Manager kien ha decizjoni mghaggla wisq meta tterminalha l-impieg billi l-ex Segretarju, is-Sur John Mansueto, kien talbu biex l-appellant tinghata "leave" bla hlas ghax kienet se tmur ghal intervent mediku barra l-pajjis u kellhom jistennew rizultat mediku ahhari ;

c) f'Lulju 1994 gie kkonfermat mill-ispecjalista barrani li setghet terga' taghmel xoghol ta' "waitress" u f'Dicembru 1994 specjalista lokali kkonferma li kienet ghamlet "a total recovery" ;

d) ic-certifikat tal-Medical Board li sar fit-22 ta' Settembru 1994 (li ma kienx gie prezentat ma l-"istatement of case" tal-Kumpanija izda fis-seduta tat-18 ta Marzu 1996) hu kontradett minn dak ta' l-ispecjalista lokali tat 28 ta' Dicembru 1994 li qatt ma gie kkontestat.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz it-Tribunal kellu l-

kompitu li jiddetermina jekk kienx hemm raguni tajba u sufficjenti meta gie terminat effettivament l-impieg ta' l-appellant u mhux jekk affarjiet li graw wara kienux iwasslu ghal decizjoni differenti kieku l-Lukanda stenniet ghal perijodu itwal.

Fuq l-argumenti ta' l-appellant it-Tribunal jinnota li :

a) mhux ezatt li c-certifikati ta' Novembru 1993 u ta' Jannar 1994 jiddikjaraw l-appellant tajba ghax-xoghol. Fil-fatt l-ewwel wiehed jghid li tista' tirritorna ghax-xoghol fuq doveri li mhux dawk tas-soltu u li ma jinvolvux il-garr ta' oggetti tqal waqt li t-tieni jghid li tajba biex tirritorna ghax-xoghol u tipprova tirrihabilita ruha ghad doveri taghha kollha fuq perijodu ta' 4 sa 6 gimghat. Ebda wiehed minn dawn ma jiddikjara li hi tajba ghax xoghol fil-grad li taghmel id-doveri kollha anzi t-tnejn jaghmlu kwalifiki serji.

b) ic-certifikat tal-Bord Mediku tal-20 ta' April 1994 jghid li 7 xhur wara li kisret idejha l-attentati ghar-rihabilitazzjoni fid-doveri taghha bhala "waitress" ma tantx irnexxew u kien improbabbli f'dak l-istadju li l-kundizzjoni taghha kienet se titjieb. Konsegwentement kienu ta' l-opinjoni li hi permanentement inkapaci li taghmel id-doveri taghha kollha bhala "waitress" fil-Lukanda.

c) dan isegwi logikament ic-certifikati li saru qabel u li ma kienux jghidu li l-appellant hija tajba ghad-doveri taghha kollha, kif tikkontendi l-appellant, izda kien

fihom kwalifiki mportanti. Ma jirrezultax li kien hemm xi kontradizzjoni.

d) kien fuq bazi ta' dan il-parir mediku li l-Lukanda tterminat l-impieg ta' l-appellant. Fic-certifikat tat-12 ta' Jannar 1994 ir-rikomandazzjoni kienet li jsir attentat ta' rihabilitazzjoni fuq perijodu ta' 4 sa 6 gimghat. Il-Bord Mediku, fuq talba tal-Lukanda, sar fl-20 ta' April 1994 jew 14 il-gimgha wara.

It-Tribunal isib li t-terminazzjoni saret fuq bazi ta' parir minn Bord Mediku kompetenti li l-appellant kienet permanentement inkapaci li taghmel id-doveri kollha tax-xoghol taghha. Il-korriment li kkawza din l-inkapacita ma sehhx fuq il-post tax-xoghol jew b'konnessjoni ma l-impieg taghha. Dan gie terminat 7 xhur wara li sehh il-korriment u wara li l-appellant inghatat zmien xieraq (14 flok il-massimu ta' 6 gimghat rikmandat mill-Bord Mediku)) ghal attentat ta' rihabilitazzjoni.

Il-Lukanda agixxiet fuq parir mediku, f'liema materja kif qalet l-appellant stess l-Management mhux kompetenti, u wara li nghata zmien ta' rihabilitazzjoni xieraq u wisq aktar minn dak rikomandat.

Ghalhekk meta saret it-terminazzjoni ta' l-impieg kien hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u t-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba ta' l-appellant.

B'dana kollu it-Tribunal jinnota li :

a) fil-25 ta' Mejju 1994, 12 il-gurnata wara t-terminazzjoni effettiva ta l-impieg , is-Sur John

Mansueto kien kiteb lill-Lukanda biex l-appellant titpogga fuq "long unpaid leave" sa kemm ikun maghruf ir-rezultat ta' intervent kirurgiku fl-Ingilterra ;

b) fl-ittri taghha tat-3 ta' Gunju u tat-3 ta' Awissu l-Kumpanija kienet infurmatu li tipproponi li jekk ikun hemm vakanza fil-Food and Beverage Department tkun preparata li tikkunsidra li terga timpjega l-appellant basta l-Bord Mediku tal-Kumpanija jiccertifika li hi kapaci taghmel ix-xoghol kollu ta' "waitress".

c) ic-certifikat mahrug mill-iSptar San Luqa fit-28 ta' Dicembru 1994 jiddikjara li l-appellant kellha fejqan totali u li tajba biex terga' tahdem xoghol shih, inkluz dak ta' "waitress", minghajr ebda riserva.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jappella lill-Lukanda li tikkunsidra favorevolment il-possibbilta li l-appellant terga' tinghata mpieg.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

George Attard
Segretarju.